MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NATASHA GALEA SCIBERRAS

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2014

Numru. 247/2009

**Il-Pulizija**

**(Spettur Norbert Ciappara)**

**vs**

**Helen Bugeja**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputata Helen Bugeja ta' 38 sena, bint Lucia u missier mhux maghruf, mart Alfred Bugeja, residenti Blk A, Flat 4, Triq Fountanier, Valletta, detentrici tal-karta tal-identita` bin-numru 222867(M):

Akkuzata talli f'dawn il-Gzejjer, fis-27 ta' Settembru 2005:

1. Kellha fil-pussess taghha d-droga Eroina u Dihydrocodeine specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kinitx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-disposizzjonijiet tar-4 u tas-6 Taqsima tal-Ordinanza, u meta ma kinitx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzata li timmannifattura jew li tforni d-droga msemmija u ma kinitx b'xi mod iehor, bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollha fil-pussess taghha din id-droga, u naqset li tipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilha ghall-uzu taghha skond ir-ricetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli kellha fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi fil-pussess taghha medicina psikotropika u specifikata Diazepam u Bromazepam minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li Ghandhom X'Jaqsmu Maghha, Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti Dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985, kif emendati;

3. U aktar talli fis-27 ta' Settembru 2005, bhala persuna li mhux impjegata fil-habs Facilita` Korrettiva ta' Kordin, minghajr l-awtorita` legittima, dahhlet jew ppruvat iddahhal f'xi parti tal-konfini tal-habs, xi oggett ikun li jkun li huwa pprojbit skond xi regolamenti maghmula skond dan l-Att, jew iggorr jew tipprova iggorr xi oggett bhal dawk barra minn xi habs, bi ksur tal-artikolu 7 u 7(a) tal-Kap. 260 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. U aktar talli saret recidiva ai termini tal-Artikolu 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) liema sentenza saret finali u definittiva.

Semghet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta' l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat ukoll illi waqt l-ezami taghha a tenur tal-Artikoli 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap. 9, l-imputata wiegbet illi mhux hatja u illi m'ghandhiex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat bi procedura sommarja;

Rat ukoll il-kunsens tal-Avukat Generali ai termini tal-Artikolu 370(4), sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat illi fis-seduta tas-27 ta' Mejju 2013, il-partijiet ezentaw lill-Qorti kif preseduta milli terga' tisma' l-provi mismugha fil-kawza quddiem il-Qorti, kif diversament preseduta, sa dakinhar;

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

**<u>Kunsiderazzjonijiet Dwar Htija</u>**

Fis-seduta tal-10 ta' Mejju 2010, xehed **is-Supretendent Norbert Ciappara**[1], li qal illi fis-27 ta' Settembru 2005, huwa kien gie infurmat illi WCO 15 Gafa u WCO 28 Agius, li dak il-hin kienu qeghdin stazzjonati *St. Michael's Ward*, kienu

[1] A fol. 16 u 17 tal-process.

ghamlu tfittxija fuq l-imputata, li kienet ser taghmel vizita lil Alfred Bugeja. Dan tal-ahhar kien qed jinzamm fl-imsemmija *ward* stante li kien qieghed fil-Facilita` Korrettiva ta' Kordin. Waqt din it-tfittxija, kienu nstabu xi zewgt iqratas li kienu jikkontjenu suspettata droga u xi pilloli, li gie suspettat li setghu kienu ristretti. L-imputata rrilaxxjat stqarrija li giet esebita mill-istess xhud.

Fis-seduta tal-14 ta' Lulju 2010, **Karen Gafa`** xehdet illi[2] dak iz-zmien hija kienet ufficjal korrettiv u li fil-jum in kwistjoni, hi u WCO 28 Teresa Agius, kienu qed jaghmlu *strip search* fuq l-imputata. Fuq il-persuna tal-imputata ma nstab xejn, izda fil-*portmoney* li kien jinsab fil-*handbag* taghha, sabet forma ta' helwa kontenenti xi haga suspettuza. Hija nfurmat lill-membru tal-SRT, li da parti tieghu informa lill-awtoritajiet tal-habs b'din is-sejba. L-istess Karen Gafa` regghet xehdet fil-31 ta' Ottubru 2011. Hija qalet li St. Michael's Ward kienet gewwa l-Isptar San Luqa izda kienet estensjoni tal-Facilita` Korrettiva ta' Kordin. Mistoqsija jekk kienx normali li l-vizitaturi jdahhlu l-*handbag* maghhom, ix-xhud wiegbet fin-negattiv u qalet li jqeghduh fil-*locker*, izda dakinhar kellha ordni li taghmel tfittxija fil-*handbag* tal-imputata.

Fis-seduta tat-3 ta' Dicembru 2010, xehdet **WCO 28 Teres Agius**[3], li qalet illi fis-27 ta' Settembru 2005, kienet saret tfittxija fuq l-imputata gewwa St. Michael's Ward, gewwa l-Isptar San Luqa. Dakinhar l-imputata kienet sejra tara lil zewgha, Alfred Bugeja. Ikkonfermat illi flimkien ma' WCO 15 Karen Gafa`, kienet giet ordnata biex taghmel tfittxija fuq l-imputata u li fil-basket, gewwa l-*portmoney* sabulha borza zghira bi ftit pilloli u pakkett ta' trab kannella. Ikkonfermat ukoll illi huma sejjhu lil PC 922 Medati, li da parti tieghu informa lill-awtoritajiet tal-habs u li hadu *over* il-pulizija mill-Iskwadra kontra d-Droga. In kontro-ezami, ix-xhud ghall-ewwel qalet illi meta saret it-tfittxija fuq l-imputata, l-affarijiet taghha diga` kienu fil-*locker* u kkonfermat illi meta l-imputata waslet gewwa St. Michael's Ward, hija talbet ghal cavetta sabiex tpoggi l-affarijiet taghha fil-*locker.* Izda wara fuq izjed domandi, ix-xhud qalet li x'hin waslu hi u l-kollega taghha sabiex jaghmlu t-tfittxija, l-imputata kienet

[2] A fol. 26 sa 28 tal-process.
[3] A fol. 43 sa 50 tal-process.

ghadha qed tistenna barra l-*ward.* Dak il-hin il-basket kien f'idejha u hi kienet ser iddahhlu fil-*locker* stante li din kienet il-procedura. Huma qalu lill-imputata sabiex tiehu l-basket maghha sabiex issir it-tfittxija, ghaliex skond l-ordni li kellhom, huma kellhom ifittxu fil-basket ukoll. Xehdet ukoll illi qabel saret it-tfittxija, il-basket kien ghadu mhux qieghed fil-*locker*, izda l-imputata kienet ser iddahhlu fil-*locker* ghaliex dik hija l-procedura u regghet ikkonfermat illi meta dahlet l-imputata u qabel waslu huma sabiex jaghmlu t-tfittxija, l-istess imputata diga` kienet talbet cavetta biex iddahhal il-basket fil-*locker.*

Fis-seduta tal-14 ta' Lulju 2010, xehed ukoll **PC 922 Valhmor Medati**[4] li qal illi kien hemm vizita gewwa *St. Michael's Ward* u li huwa kien wassal lil zewg ufficjali nisa sabiex jaghmlu tfittxija fuq l-imputata. Waqt din it-tfittxija, huma sabu xi haga suspettuza u talbuh jinforma lill-awtoritajiet tal-habs b'dan, sabiex min-naha taghhom jinfurmaw lill-Iskawdra kontra d-Droga. L-istess Medati rega' xehed fis-seduta tal-31 ta' Ottubru 2011[5], li rrepeta dak li kien xehed qabel. Fis-seduta tat-3 ta' Dicembru 2010, xehed **PS 1355 Cleon Purshouse**[6], li qal illi fil-jum in kwistjoni, l-Iskadwra kontra d-Droga giet infurmatha minn *St. Michael's Ward* gewwa l-isptar, illi l-imputata marret ghall-vizita u minn tfittxija li saret fuqha, instab *portmoney* b'xi qartas suspettat eroina. Flimkien mal-kollega tieghu, huwa mar gewwa l-imsemmija *ward*, fejn sabu lill-imputata, hadu *handover* tas-sustanza suspettata droga u arrestaw lill-istess imputata li giet mghoddija lill-Ispettur Norbert Ciappara.

Mir-relazzjoni esebita minn **PS 1147 Antoine Fenech** u **PC 465 Daniel Abela**[7] ossia s-*Scene of the Crime Officers* li gew nominati mill-Magistrat Inkwirenti fl-inkjesta li saret dwar dan il-kaz, jirrizulta illi huma accedew gewwa *St. Michael's Ward* fis-27 ta' Settembru 2005 u hemmhekk PS 1147 eleva kartiera sewda li kien fiha *inter alia* is-segwenti:

[4] A fol. 29 u 30 tal-process.
[5] A fol. 55 u 56 tal-process.
[6] A fol. 41 u 42 tal-process.
[7] A fol. 40 *et seq* tal-process verbal, li jinsab esebit a fol. 23 tal-process. Fis-seduta tal-14 ta' Lulju 2010, PS 1147 Antoine Fenech u PS 465 Daniel Abela ikkonfermaw ir-relazzjoni taghhom.

1. Qartas tal-*plastic* b'xi trab kannella;
2. Bicca *foil* li kien fiha seba' pilloli ta' lewn abjad;
3. Ghaxar pilloli ta' lewn isfar, pillola ta' lewn abjad u zewg bicciet pilloli ta' lewn abjad;
4. Pillola ta' lewn abjad;
5. Pillola ta' lewn abjad go *cover* tal-*plastic*.

Skond l-istess relazzjoni, dawn id-dokumenti gew mghoddija lill-**Ispizjar Mario Mifsud**, li da parti tieghu, fir-relazzjoni tieghu[8], kkonkluda s-segwenti dwar l-imsemmija dokumenti:

a) Iz-zewg pilloli (enumerati 4 u 5 fil-paragrafu precedenti) kienu dawk tal-*Augmentin*. Dawn il-pilloli jintuzaw bhala *antibiotics* u mhux ikkontrollati bil-ligi;

b) Is-seba' pilloli ta' ghamla ovali u ta' lewn abjad (indikati bin-numru 2 fil-paragrafu hawn fuq) instabu li kienu dawk tad-*Dihydrocodeine*. Dawn il-pilloli, li jintuzaw bhala *narcotic analgesic*, huma kkontrollati bil-ligi taht l-Ewwel Skeda, Taqsima II tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

c) L-ghaxar pilloli sofor (indikati bin-numru 3 fil-paragrafu hawn fuq) instabu li kienu dawk tad-*Diazepam* waqt li l-pillola bajda u z-zewg bicciet tal-pilloli (ukoll indikati bin-numru 3 fil-paragrafu hawn fuq) instabu li kienu dawk tal-*Bromazepam*. Il-pilloli tad-*Diazepam* u l-*Bromazepam* jintuzaw bhala *tranquillisers* u huma kkontrollati bil-ligi taht Parti B tal-Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta;

d) It-trab kannella (indikat bin-numru 1 fil-paragrafu hawn fuq), f'ammont nett totali ta' 0.101 grammi, instabet fih is-sustanza Herojina. Il-purita` ta' dan it-trab ghal din is-sustanza kienet ta' cirka 33.3%. Is-sustanza herojina hija kkontrollata bil-ligi taht l-Ewwel Skeda, Taqsima I tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fl-istqarrija rilaxxjata minnha fis-27 ta' Settembru 2005[9], **l-imputata** kkonfermat illi hija marret biex taghmel vizita lil zewgha gewwa l-isptar u illi l-qratas tal-eroina li nstabu fuq il-persuna taghha, kienu taghha. Qalet illi hija

[8] A fol. 9 *et seq* tal-process verbal, li jinsab esebit a fol. 23 tal-process. Fis-seduta tat-3 ta' Dicembru 2010, l-Ispizjar Mario Mifsud ikkonferma r-relazzjoni tieghu.
[9] A fol. 18 u 19 tal-process.

ma kinitx ser taghtihom lil zewgha, ghaliex meta tmur hdejh, hija dejjem halliet il-basket u l-*portmoney* barra. Qalet li ghalhekk, hija ma kellha l-ebda intenzjoni li ddahhal il-basket hdejn zewgha. Il-qratas kienu ghall-uzu personali taghha. Qalet ukoll illi li gara dakinhar kien li hekk kif waslet, staqsewha sabiex jaraw x'kellha fil-*handbag.* Qalet ukoll illi hija ma kinitx qeghda tuza eroina dak iz-zmien, izda kienet qeghda tuza DHC ghaliex kienet diehla Dar l-Impenn. Peress illi qabduha d-dwejjaq, kienet ser tahraq l-eroina.

Fis-seduta tas-27 ta' Settembru 2013, xehdet l-**imputata**[10]. Hija qalet illi r-ragel taghha, Alfred Bugeja, kien qieghed l-isptar, gewwa *St. Michael's Ward* u hija kienet marret tarah. Qabel dahlet, l-gwardjani tal-habs ghamlulha tfittxija. Qalet li hija riedet taghmel il-*handbag* fil-*locker* u l-gwardjani qalulha biex tiehu l-*handbag* biex ifittxulha fih. Matul din it-tfittxija, sabulha qartas gewwa l-*portmoney*. Qalet li hija riedet tpoggi l-*handbag* fil-*locker* u giet imwaqqfa biex issirilha t-tfittxija. Ikkonfermat dak li kienet qalet fl-istqarrija rilaxxjata minnha, fis-sens illi d-droga eroina kienet intiza ghall-uzu personali taghha u li dak iz-zmien kienet tahraqha fuq il-*foil.* In kontro-ezami, mistoqsija jekk din kinitx l-ewwel darba li marret gewwa *St. Michael's Ward*, hija qalet illi marret hafna draba ghax zewgha kien ilu hemm. Mistoqsija kif kienet *St. Michael's Ward* fiz-zmien in kwistjoni, hija qalet li kien hemm kancell kbir tal-hadid u li qabel il-kancell kien hemm bieb tal-injam, li hija kkonfermat li kien qisu bieb ta' garaxx. X'hin tidhol minn dan il-bieb, issib il-gwardjani, imbaghad kancell kbir. Ix-xhud qalet illi bejn il-bieb u l-kancell, kien hemm distanza qisu daqs id-distanza ta' bejn il-pedana tax-xhieda u l-hajt tal-awla, ghal-liema twegiba, l-Ufficjal Prosekutur issuggerixxa lix-xhud illi d-distanza kienet iqsar u cioe` daqs distanza ta' bejn il-pedana tax-xhieda u t-tribuna. Skond ix-xhud, il-gwardjani u l-*lockers* kienu bejn il-bieb u l-kancell, li l-ewwel tasal ghal-*lockers*, imbaghad ghall-gwardjani. Mistoqsija ghalhekk jekk x'hin wiehed jidhol minn dan il-bieb, ikunx dahal gewwa *St. Michael's Ward*, ix-xhud wiegbet fl-affermattiv. In kontro-ezami, hija qalet ukoll illi dakinhar marret tara lil zewgha, qalet li gieli kienet fil-Facilita` Korrettiva ta' Kordin u meta gie ssuggerit lilha li allura kienet taf li ma tistax iddahhal certi affarijiet fil-Facilita`, hija qalet li ma dahhlet xejn gewwa u li l-oggetti misjuba kienu taghha. L-imputata qalet illi hija kienet ser tabbuza

[10] A fol. 77 *et seq* tal-process.

mid-droga d-dar u li hadet id-droga maghha hemmhekk, ghaliex kienet xtratha minn hdejn l-isptar. Meta giet mistoqsija jekk tafx li mhux suppost dahhlet id-droga hemm gew, anke jekk din kienet ghaliha, hija wiegbet li taf.

**Ikkunsidrat ukoll:**

L-ewwel imputazzjoni – pussess illegali (semplici) tad-droga eroina u Dihydrocodeine

Jirrizulta car mill-provi prodotti illi nhar is-27 ta' Settembru 2005, l-imputata nstabet fil-pussess ta' sustanza ossia trab kannella u pilloli, gewwa *St. Michael's Ward* fl-Isptar San Luqa, liema trab kannella, skond ir-relazzjoni tal-espert l-Ispizjar Mario Mifsud, instabet fih is-sustanza eroina. In oltre seba' pilloli li nstabu fil-pussess taghha kienu dawk tad-*Dihydrocodeine*, li huma kkontrollati mil-ligi taht l-Ewwel Skeda, Taqsima II tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta. Ai termini tal-Artikolu 26(1) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, l-obbigu tal-prova li hija kellha ricetta ghal dawn il-pilloli kien jinkombi fuq l-imputata, liema prova hija baqghet ma gabithiex.

Ghaldaqstant, il-Qorti tqis illi l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova sodisfacentement u fil-grad rikjest mil-ligi, l-ewwel imputazzjoni migjuba kontra l-imputata.

It-tieni imputazzjoni – pussess illegali (semplici) tal-medicina psikotropika u specifikata Diazepam u Bromazepam

Fir-rigward ta' din l-imputazzjoni li tikkontempla reat taht il-Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tinnota illi l-uniku ordni tal-Avukat Generali li gie esebit mill-Prosekuzzjoni f'dawn il-proceduri, huwa dak mahrug ai termini tal-Artikolu

22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.[11] Il-Prosekuzzjoni, x’aktarx bi zvista, baqghet ma esebietx l-ordni tal-Avukat Generali ai termini tal-Artikolu 120A(2) tal-Kap. 31 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabiex il-kawza tinstema’ minn din il-Qorti bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali.

Fil-kaz deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-22 ta’ Dicembru 2006, fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Anthony Joseph Portelli</u>**, l-appellant kien tressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti Istruttorja akkuzat *inter alia* bil-pussess u traffikar ta’ medicina specifikata u psikotropika u pussess illegali tad-droga kokaina. Fil-bidu tal-istruttorja, b’zewg ordnijiet separati – wiehed maghmul skond il-Kap. 101 u l-iehor skond il-Kap. 31 – l-Avukat Generali ordna li l-akkuzat jitressaq quddiem il-Qorti Kriminali biex iwiegeb ghall-akkuzi ta’ ksur taz-zewg Ordinanzi. Sussegwentement, wara li l-Prosekuzzjoni ddikjarat li ma kellhiex izjed provi xi tressaq, l-Avukat Generali hareg kontro-ordni taht il-Kap. 101 sabiex l-akkuzat jigi ggudikat, in kwantu ghall-akkuza taht l-Ordinanza dwar il-Medinici Perikoluzi (Kap. 101) mill-Qorti tal-Magistrati minflok mill-Qorti Kriminali. Kien biss wara li ntalbet is-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza u korrezzjoni fl-imputazzjonijiet originali fir-rigward tal-imputazzjoni taht il-Kap. 31 u wara diversi rinviji illi l-Avukat Generali ghamel kontro-ordni skond l-Artikolu 120A(2C) tal-Kap. 31 tal-Ligijiet ta’ Malta. Il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk f’dan ir-rigward:

“*Wara li l-ewwel qorti, bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali, halliet (fis-27 ta’ Lulju 2005) il-kawza ghas-sentenza fuq l-atti u l-provi li kellha quddiemha – u li kienu ilhom quddiemha <u>mill-kontro-ordni u nota ta’ rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali tat-3 ta’ Lulju 1998</u> – ma setghet issir ebda korrezzjoni fl-imputazzjonijiet kif mitlub mill-Kummissarju tal-Pulizija … bil-kontro-ordni u nota ta’ rinviju ghall-gudizzju tat-3 ta’ Lulju 1998 <u>maghmulin biss taht il-Kap. 101</u> – u allura b’referenza biss ghall-akkuza originali ta’ pussess ta’ kokajina – l-Avukat Generali <u>qie li qed jirrinunzja ghall-imputazzjonijiet originarjament migjuba taht il-Kap. 31</u>. Hu probabbli li dan sar bi zvista da parti tal-ufficjal addett mill-process fl-Ufficcju tal-Avukat Generali, pero` galadarba l-Avukat*

[11] A fol. 3 tal-process.

*Generali f'Lulju tal-1998 ma pprocediex aktar fir-rigward tal-imputazzjonijiet taht il-Kap. 31 (billi la ghamel id-debitu kontro-ordni u anqas ma jirrizulta li pprezenta xi Att ta' Akkuza fil-Qorti Kriminali), l-unika konkluzjoni li wiehed jista' jigbed fi process penali bhal dak in dizamina hi li l-Avukat Generali kien hekk qed jirrinunzja ghal dawk l-imputazzjonijet. Ma jistax wiehed, snin wara, jipprova jillapazza u jaghmel tajjeb ghan-nuqqasijiet kostanti tal-prosekuzzjoni billi … anke jipprova jirraviva imputazzjonijiet li kienu gew abbandunati*".

Kif inghad izjed 'il fuq, f'dawn il-proceduri baqghet ma gietx esebita l-ordni tal-Avukat Generali taht il-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta, izda giet esebita biss l-ordni tal-istess Avukat Generali taht il-Kapitolu 101. Fil-waqt li l-istess ordni m'hijiex pre-rekwizit sabiex jigu istitwiti l-proceduri penali taht il-Kapitolu 31 (ara f'dan is-sens ukoll is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tal-5 ta' Frar 1996, fl-ismijiet **Ir-Repubblika vs George Mifsud**), l-istess ordni hija madankollu mehtiega ghal dik li hija x-xelta ta' liema Qorti ser tiggudika l-imputata ossia jekk hux il-Qorti Kriminali jew il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali. Issa veru li f'dan il-kaz, inhareg l-ordni mill-Avukat Generali taht il-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta (fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni) u anke l-kunsens tal-istess Avukat Generali ai termini tal-Artikolu 370(4) tal-Kapitolu 9 (fir-rigward tat-tielet imputazzjoni) u ghalhekk jidher illi l-Avukat Generali ried illi l-imputata tigi gudikata minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha ta' Qorti ta' Gudikatura Kriminali, izda fi process penali, bhal dak odjern, wiehed ma jista' jassumi xejn. Id-diskrezzjoni dwar il-kompetenza u l-procedura li ghandha tigi segwita (ossia jekk hix dik tal-qorti fil-kompetenza taghha ta' Qorti Istruttorja jew ta' Qorti ta' Gudikatura Kriminali *ab initio* jew hekk reza, permezz tal-kontro-ordni) hija fil-ligi, sal-lum, esklussivament vestita fl-Avukat Generali u l-Qorti ghalhekk ma tistax tuzurpa dik id-diskrezzjoni u taghmilha taghha billi tiggudika lill-imputata dwar it-tieni imputazzjoni, minghajr l-ordni tal-Avukat Generali. La darba baqghet ma gietx esebita din l-ordni taht il-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti m'ghandhiex triq ohra hlief li tassimila din is-sitwazzjoni mas-sitwazzjoni li giet rinfaccjata biha l-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kaz fuq citat, anke ghaliex din hija sitwazzjoni li mhijiex ikkontemplata fil-ligi u ghaldaqstant tqis illi l-Avukat Generali rrinunzja ghat-tieni imputazzjoni li tikkontempla r-reat taht l-istess Kap. 31.

Ghaldaqstant, l-imputata qeghda tigi lliberata mit-tieni imputazzjoni migjuba kontra taghha.

It-tielet imputazzjoni – dhul ta' xi oggett projbit f'xi parti tal-konfini tal-habs

Jirrizulta car mill-provi prodotti u anke mix-xhieda tal-istess imputata, illi fil-jum in kwistjoni, hija marret tara lil zewgha gewwa *St. Michael's Ward*, fl-Isptar San Luqa.  Qabel waslet hemm, hija xtrat l-eroina minn hdejn l-isptar stess u baqghet sejra sabiex tara lil zewgha.  Jirrizulta wkoll, kemm mix-xhieda ta' WCO 28 Teres Agius, kif ukoll mix-xhieda tal-istess imputata, illi hekk kif dahlet hija talbet cavetta ghal-*locker* sabiex tpoggi l-basket taghha fih, ghaliex fil-fatt din kienet il-proceduri, izda l-gwardjani waqqfuha u ghamlulha tfittxija, kemm fuq il-persuna taghha, kif ukoll fil-*handbag*, fejn fil-*portmoney* sabulha qartas eroina u pilloli kkontrollati kemm taht il-Kap. 101, kif ukoll taht il-Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta.

Mix-xhieda tal-istess imputata, jirrizulta wkoll illi sabiex wiehed jidhol gewwa *St. Michael's Ward*, l-ewwel isib bieb (qisu bieb ta' garaxx), imbaghad kancell. Bejn il-bieb u l-kancell, kien hemm il-*lockers* u l-gwardjani.

Skond l-imputata, hija ma kellha l-ebda intenzjoni li ddahhal id-droga gewwa l-*ward* ghal zewgha, ghaliex id-droga kienet intiza ghaliha u hija kien bi hsiebha tabbuza minnha d-dar.  Biss, qabel marret ghall-vizita, hija xtrat id-droga minn hdejn l-isptar u ghalhekk baqghet sejra biha b'kollox.  Kif ammettiet hija stess fix-xhieda taghha, l-imputata kienet midhla sew ta' dan il-post u kienet taf sew x'kienet il-procedura, tant li anke fl-istqarrija rilaxxjata minnha, hija qalet illi hija dejjem halliet il-basket u l-*portmoney* barra – u cioe` fil-*locker.*

Il-Qorti temmen illi fil-verita` d-droga li kellha fil-pussess taghha l-imputata, kienet intiza ghaliha, tant illi hekk x'hin waslet fil-*ward*, hija mill-ewwel talbet ic-cavetta tal-*locker* sabiex thalli l-basket taghha hemmhekk. Il-Prosekuzzjoni fil-fatt qatt ma kkontendiet xort'ohra, tant illi l-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputata jikkontemplaw il-pussess illegali u mhux il-pussess aggravat tad-droga. Biss l-imputata kienet taf fejn kienet sejra meta dahlet gewwa l-*ward* bid-droga, kif kienet taf ukoll, b'ammissjoni taghha stess, illi ma setghetx iddahhal droga hemmhekk, izda minflok ma hadet id-droga d-dar jew band'ohra qabel ma dahlet fil-*ward* jew xtratha wara, ghazlet li tibqa' sejra bid-droga b'kollox ghall-vizita taghha ma' zewgha. Jibqa' l-fatt ghalhekk illi x'hin hija dahlet mill-bieb ta' barra tal-*ward* bid-droga fil-pussess taghha, hija kkommettiet ir-reat ikkontemplat fit-tielet imputazzjoni. Fil-fehma tal-Qorti ma taghmel l-ebda differenza, ghal fini ta' htija, li l-imputata kienet ghadha ma dahlitx mill-kancell il-gewwa u li lanqas ma kellha intenzjoni tidhol bid-droga mill-istess kancell, ghaliex la darba dahlet mill-bieb, effettivament diga` kienet dahlet fil-*ward* u ghaldaqstant ir-reat f'dak il-waqt kien komplut. Kif qalet l-imputata stess, il-gwardjani, bhal *lockers*, kienu jinsabu qabel il-kancell u mhux warajh u ghalhekk huwa evidenti illi l-konfini tal-*ward* kienet mill-bieb tal-istess *ward* il-gewwa u mhux mill-kancell il-gewwa. Jirrizulta car anke mill-Iskeda tal-Legislazzjoni Sussidjarja 260.02, illi s-Sala San Mikiel fl-Isptar San Luqa fi Gwardamangia hija wahda mill-postijiet dikjarati bhala habs ghall-fini tal-Att dwar il-Habs u ghalhekk l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 260 dwar dhul ta' oggetti projbiti gewwa l-habs, japplika bl-istess mod ghas-sala in kwistjoni.

Lanqas ma jregi l-argument tad-difiza, fis-sottomissjonijiet taghha, illi l-gwardjani tal-habs nasbu lill-imputata meta talbuha sabiex tidhol bil-basket b'kollox ghal finijiet tat-tfittxija li kienet ser issirilha, ghaliex l-imputata diga` kienet dahlet mill-bieb il-gewwa meta giet mitluba li ssirilha t-tfittxija u kif inghad, marret gewwa s-sala ben konxja tal-fatt illi kienet fil-pussess tad-droga u li d-dhul tad-droga fl-imsemmi post kien projbit.

Kif inghad izjed il'fuq, jirrizulta car ukoll mill-relazzjoni tal-espert l-Ispizjar Mario Mifsud, illi s-sustanza u l-pilloli li kienu fil-pussess tal-imputata meta

dahlet fil-*ward* kienu droga eroina u medicina skedata kemm taht il-Kap. 101, kif ukoll taht il-Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghaldaqstant, il-Qorti tqis illi l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova sodisfacentement u fil-grad rikjest mil-ligi, it-tielet imputazzjoni migjuba kontra l-imputata.

<u>Recidiva ai termini tal-Artikolu 50 tal-Kap. 9</u>

Fir-rigward tal-addebitu tar-recidiva, il-Prosekuzzjoni esebiet zewg sentenzi - wahda moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, preseduta mill-Magistrat (illum Onorevoli Imhallef) Noel Cuschieri, fl-ismijiet *Pulizija vs Helen Bugeja* tad-19 ta' Ottubru 2000[12] u l-ohra, moghtija mill-istess Qorti, fl-istess ismijiet, fis-7 ta' Novembru 2000[13].

Fir-rigward tal-ewwel sentenza, ossia dik tad-19 ta' Ottubru 2000, il-Qorti tinnota illi mill-istess sentenza ma jirrizultawx il-konnotati tal-imputata f'dik is-sentenza u lanqas ma tressqet prova tal-identita` tal-istess imputata mill-Prosekuzzjoni, sabiex jigi stabbilit illi l-imputata f'dik is-sentenza hija proprju l-imputata odjerna.

Permezz tat-tieni sentenza tas-7 ta' Novembru 2000, imbaghad, li fiha jinsabu ndikati l-konnotati tal-imputata odjerna, l-imputata kienet instabet hatja ta' pussess illegali tad-droga eroina u talli saret recidiva ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 u tqieghdet taht Ordni ta' *Probation* ghall-perjodu ta' sena.

[12] A fol. 70 *et seq* tal-process.
[13] A fol. 73 *et seq* tal-process.

F'dan ir-rigward il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri) fis-17 ta' Settembru 2004, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Christopher Agius**, fejn l-appellat f'dik il-kawza kien ammetta *inter alia* ghall-addebitu tar-recidiva u dan fir-rigward ta' sentenza fejn kien tqieghed taht Ordni ta' *Probation*. Il-Qorti kkonkludiet illi la darba il-kaz ma kienx jaqa' taht l-ebda wahda mis-sitwazzjonijiet indikati fil-paragrafi (a) u (b) tal-Artikolu 25(1) tal-Kap. 446, "*id-dikjarazzjoni ta' htija fil-proceduri kontra l-appellat u li temmew bis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati … li permezz taghha huwa tqieghed taht probation ghal perijodu ta' tliet snin, ma setghet QATT titqies bhala dikjarazzjoni ta' htija ghall-finijiet ta' recidiva*".

Il-konsiderazzjonijiet legali ta' dik il-Qorti japplikaw bl-istess mod ghal dan il-kaz, fis-sens illi d-dikjarazzjoni ta' htija fil-konfront tal-imputata permezz tas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-7 ta' Novembru 2000, fejn l-imputata tqieghdet taht Ordni ta' *Probation* ghal zmien sena, ma tistax titqies bhala dikjarazzjoni ta' htija ghal fini tar-recidiva.

Ghaldaqstant, l-imputata m'hijiex qed tinstab hatja tal-addebitu tar-recidiva ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Konsiderazzjonijiet dwar Piena**

Ghal fini ta' piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fedina penali tal-imputata fiz-zmien li kkommettiet ir-reati in kwistjoni, mil-liema fedina penali jirrizulta illi l-imputata kienet ilha afflitta mill-problema tad-droga ghal zmien twil, tant illi l-ewwel kundanna taghha dwar droga tirrisali ghal Mejju tas-sena 1993 u dan dwar reati li sehhew f'Jannar tas-sena 1992. Jirrizulta mill-istess fedina penali, illi l-imputata nstabet hatja dwar *inter alia* reati li jinvolvu d-droga, f'erba' okkazzjonijiet.

Il-Qorti qieset ukoll ic-cirkostanzi li waslu ghal dan il-kaz u illi l-imputata kellha fil-pussess taghha seba’ pilloli *Dihydrocodeine*, ghaxar pilloli *Diazepam*, zewg pilloli u zewg bicciet tal-pilloli *Bromazepam* u d-droga eroina f’piz nett totali ta’ 0.101 grammi u purita` ta’ cirka 33%.

Il-Qorti qieset ukoll illi dan il-kaz jirrisali ghal Settembru 2005 u li d-dewmien f’dawn il-proceduri ma kienx imputabbli lill-imputata. Biss biss il-proceduri odjerni bdew fis-sena 2009 u kien biss f’seduta wahda (minn sbatax-il seduta) illi ntalab differiment da parti tad-difiza.

Qieset ukoll li ghandhom japplikaw id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 17(h) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta fir-rigward tal-ewwel u t-tielet imputazzjonijiet, fis-sens illi r-reat ikkontemplat fl-ewwel imputazzjoni ghandu jigi meqjus bhala mezz ghall-fini sabiex seta’ jigi kommess ir-reat fit-tielet imputazzjoni.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(ii), l-Ewwel Skeda, Taqsima II tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, ir-Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02, l-Artikolu 17(h) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-Artikolu 7(2) tal-Kap. 260 tal-Ligijiet ta’ Malta, issib lill-imputata hatja tal-ewwel u t-tielet imputazzjonijiet migjuba kontra taghha u tikkundannaha ghal **sitt (6) xhur prigunerija li**, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, **qed tigi sospiza ghall-perjodu ta’ sentejn mil-lum**.

Ghar-ragunijiet fuq indikati, qed tillibera lill-imputata mit-tieni imputazzjoni migjuba kontra taghha u mill-addebitu tar-recidiva.

Il-Qorti wissiet lill-hatja, bi kliem car u semplici, il-konsegwenzi skond il-ligi jekk hija tikkommetti reat iehor li ghalih hemm piena ta' prigunerija, matul il-perjodu operattiv tas-sentenza sospiza.

Il-Qorti tikkundanna lill-hatja ghall-hlas tal-ispejjez konnessi mal-hatra tal-esperti ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe` l-ispejjez konnessi mar-relazzjoni tal-espert l-Ispizjar Mario Mifsud, ammontanti ghas-somma ta' mija u dsatax-il Lira Maltin u tmienja erbghin centezmu (Lm119.48) ekwivalenti ghal mitejn, tmienja u sebghin Euro u wiehed u tletin centezmu (€278.31) u l-ispejjez konnessi mar-relazzjoni tas-*Scene of the Crime Officers* ammontanti ghas-somma ta' sebgha u erbghin Lira Maltin u hamsin centezmu (Lm47.50) ekwivalenti ghal mija u ghaxar Euro u erbgha u sittin centezmu (€110.64), ammontanti b'kollox tali spejjez ghas-somma ta' tlett mija, tmienja u tmenin Euro u hamsa u disghin centezmu (€388.95). L-istess spejjez ghandhom jithallsu mill-hatja fi zmien sena mil-lum, b'dan illi jekk hija tonqos li thallas dan l-ammont jew parti minnu fiz-zmien lilha preskritt, l-ammont jew il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' jum habs ghal kull hdax-il Euro u hamsa u sittin centezmu (€11.65) dovut.

Finalment, il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga u l-pilloli, Dokumenti 758/05/01 sa 758/05/05, formanti parti mir-relazzjoni tal-espert l-Ispizjar Mario Mifsud, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi *process-verbal* li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------